# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**Disa' Legislatura**

**Laqgħa numru 80**

**5.00p.m 04 ta' Ġunju 2024**

**Preżenti**

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku

**Assenti**

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 80.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

80.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u il-Kunsillier is-Sur Joseph Scerri talabu li jiġu skużati mill-laqgħa minħabba raġunijiet personali u ieħor ta'xogħol. Huwa tenna li din il-laqgħa hija laqgħa ta' kontinwazzjoni minħabba li laqgħat numru 78 u 79 ma peress li ma kienx ntlaħaq il-quorum

## 80.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

80.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 77. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

80.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-gvern għamel Memorandum of Understanding mall-Kunsilli Lokali u l-Public Works sabiex huwa jgħin il-kunsilli Lokali fi proġetti infrastrutturali fosthom dawk tal-bankini. Il-kunsill tal-Marsa kellu ipproġettat li jirranġa tlett bankini fosthom dawk ta' Triq San Frangisk, Triq San Mikiel u Triq Qormi. Issa b'din l-MOU, il-kunsill ikun jista' jwettaq dawn il-proġetti.

## 80.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

80.4.1 Il-Kunsillier Dominic Spencer resaq mistoqsija dwar id-dwal ta' toroq. Huwa tenna li għandu issir kommunikazzjoni ma l-Enemalta sabiex jiġu installati dwal ta' toroq b'sistema ta' '*energy saving'*. Dawn id-dwal għandu jagħmlu tajjeb għal l-inkonvenjent li bagħtit il-lokalita tal-Marsa minħabba il-*power station*. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

## 80.5 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

80.5.1 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 06/2024 annessa.
Il-Kunsillier Domnic Spencer għamel intervent dwar i-servizz tal-knis. Huwa tenna li għanda tintbagħat ittra ta twissija lil kuntrattur tal-knis għaliex is-servizz ma kienx ta' livel mixtieq. Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li jekk is-servizz ma jitranġax il-kuntrattur m'għandux jitħallas għal fatturi ta' Marzu '24 u il-quddiem. Il-Kunsill qabel ma dak li kien qed jiġi propost. Wara dawn il- kummenti dwar il-kontijiet ġew mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona u Kunsillier Joseph Lia sekonda l-iskeda kif preżentata.

## 80.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza

**80.6.1Ċirkulari Numru SPI/SCI/03/2024 Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa**
Is-Sindku spjega li din l-inizjattiva qed tiġi mnedija bħala parti mill-World Clean up Campaign li ssir kull sena. Kull Kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' €1,500. L-attivitajiet li għalihom ser jingħata l-finanzjament jistgħu jsiru bejn il-Ħadd 1 ta' Settembru u t-Tnejn 30 ta' Settembru 2024. Il-kunsill qabel li japplika b'tema li issir open day b'titlu ' Lokalita Dar Tiegħek' ġewwa l-kunsill fejn jingħata tarif dwar kif għandu jiġi separat l-iskart, kif ukoll billi tiġi organizzata clean up min NGO's fil-Lokalita.

**80.6.2 Kopja MOU Xogħolijiet Pubbliċi**

Is-Sindku informa li il-Kunsill irċeva kopja tal-Memorandum of Understanding fuq kollaborazzjoni bejn id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Kunsill Lokali tal-Marsa. Dan il-ftehim ġie ffirmat nhar is-26 ta' April 2024

**80.6.3 Reviżjoni Għeluq ta' l-Ewwel Skema – Fondi għall-Infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal. 02/05/24**

Is-Sindku informa li l-Kunsill rċieva kommunikazzjoni mingħand ir-Regjun Nofsinhar fejn infurmana li ser ikun possibbli ssir reviżjoni tal-fondi mogħtija s'issa. Kull Kunsill jew Għaqda ser ikun rimborsat lura bid-differenza tat-talbiet li ġew sottomessi. Għalhekk il-Kunsill mitlub li jibagħat invoice fuq dawn l-ammonti sabiex ikunu jistgħu jiġu proċessati.

**80.6.4 Ċirkulari 4/2024 - Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (8 ta' Ġunju 2024)**

Is-Sindku informa li ċerimonja tal-ġuramenti tal-ħatra tal-kunsillieri eletti ser issir nhar it-tlieta 25 ta' Ġunju 2024. Dettalji dwar il-post u l-ħin ser jingħata aktar 'l quddiem. Iċ-ċirkolari tinkludi nformazzjoni u dokumenti relatati maċ-ċerimonja.

**80.6.5 Cir AKL 2024/041_Melodija_06.07.2024**

Is-Sindku informa li il Kunsill kien rċieva stedina għal attività mingħand AKL sabiex jintwera apprezzament lil dawk kollha li servew fil-kunsilli Lokali tul il-ħames snin li għaddew, filwaqt li nifirħu u nagħtu merħba lil dawk il-kunsilliera kollha li ser jiġu eletti fit-08 ta' Ġunju li ġej.
L-attività ser issir fl-ispazju tal-Park Nazzjonali ġewwa Ta' Qali (preċiżament il-parti ta' ħdejn il-funtana) nhar is-Sibt, 06 ta' Lulju 2024 mit-20:00 'il-quddiem. Huwa tenna li għal din l-attività huma mistiedna il-kunsilliera presenti kif ukoll dawk li ser ikunu jokkupa din il-kariga fil-leġislatura li jmiss flimkien ma il -partners tagħhom , l-istaff klerikali u il-partners tagħhom. L-AKL talbet li issir ħlas ta' 25 euro sabiex jkopru l-ispejjeż ta' din l-attività.

Il-kunsill qabel illi l-ispiża relatata ma din l-attività tiġi koperta mill Kunsill għal dawk kollha li kienu ser jattendu.

**80.6.6 Attivita imtella min Reġjun ta' Nofsinhar -Ġurament ta' Sindki u Viċi Sindki**

Is-sindku informa li Reġjun qed jipproponi li l-ġurament ta' Sindki u Viċi Sindki issir f'okkażjoni waħda nhar il-05 ta' Lulju. Din il-ċerimonja ser issir fil-ġnien serenita f'santa Luċija f'7.00pm.

## 80.7 Rapporti

**80.7.1 Rapport Finanzjarju sena 2023 (audited) u Risposta għal Management Letter**

Is-Sindku Josef Azzopardi ressaq l-audited financial statements 2023 li ntbagħtu minn qabel lill-membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. L-Accountant tal-Kunsill kien mistieden għal-laqgħa fejn ta' spjega tar-Rapport preżentat. Is-Sindku tenna li spejjez marbuta ma' l-iskart qedin ippoġu lil fondi tal-Kunsill f'sitwazzjoni li ma jistax jibda proġetti ġodda.

Fuq mozzjoni mressqa mill- Kunsillier Domnic Spencer u ssekondata min Kunsillier Joseph Lia il-Membri preżenti approvaw l-Audited Financial Statements tal-2023 b'mod unanimu.

Ir-risposta tal-*Management Letter* inqrat lil membri presenti. Kien hemm qbil unanimu sabiex ir-risposta tiġi mibgħuta lil NAO.

**80.7.2 Rapport Finanzjarju Q1 Jannar-Marzu 2024**
Is-Sindku ressaq ir -rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena 2024. Huwa talab lil accountant Sur Lawrence Manicaro jagħti spjega tiegħu. Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu wara li kien hemm qbil li jiġi ndirizzat il-kwistjoni ta' l-ispejjez ta' l-skart. Il-Kunsill qabel li fil-jiem li ġejjien ser issir laqgħa ma Direttur tal-complaince sabiex tiġi diskussa din il-problema.

## 80.8 Parkeġġ għal Residenti

80.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lil Kunsilliera preżenti li kien qed jipproponi li toroq tal-Marsa ikollhom parkeġġ għal residenti. Dawn il-parkeġġi ser ikunu maqsumin 50/50 għal residenti u non residenti u il-ħin applikabbli bejn is-7am u 4pm.

Il-Kunsill approva dak propost.

## 80.9 Approvazzjoni tal-Bord għal Evalwazzjoni ta' Tenders

80.9.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi spjega lil Kunsill li sabiex jitkompla il proċess ta' l-aġġudikazzjoni ta' tenders kien hemm bżonn jiġi approvat Bord ġdid. Qed jiġi propost li membri ta' dan il -Bord ikun kompost min Chairperson Sur Christopher Falzon, Evalwaturi, Ing Jose Maria Aguis, Sa Maria Magri u Sa Dulcie Gauci, Segretarju Mariella Strout.

Il-Kunsill qabel mal kif kien qed jiġi kompost il-Bord ta' Evalwaturi.

## 80.10 Sejħa għal Segretarju Eżekuttiv

80.10.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi spjega li f'sfond li kien irriżenja is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa għal Segretarju Eżekuttiv.

Il-kunsilliera presenti qablu li tinħareġ is-sejħa.

## 80.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

80.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għat-04 ta' Ġunju fl-7.00pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmata |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Mariella Strout<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |